Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/2012AE

**Frederick Zammit**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' decizjoni moghtija mill-Arbitru fis-16 ta' Jannar 2012 f'appell maghmul skond l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), gie deciz li:-

*"Illi l-medja ta' kontribuzzjonijiet jithallsu billi a) tittiehed il-medja fis-sena tal-ahhar 10 snin b) il-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena li tkun relatata mas-snin minnufih qabel l-imsemmija 10 snin kontributtivi c) ikunu kalkolati separatament d) finalment il-medja ta' dawn iz-zewg medji tkun tikkostitwixxi l-medja ta' kontribuzzjonijiet.*

*Hija din il-medja li skond il-ligi hija necessarja ghal fini tal-ghoti tal-Pensjoni taz-Zewg Terzi….*

*In vista li l-pensjoni giet komputata korrettament l-appell mhux qed jigi milqugh.*

*L-appell qed jigi michud".*

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni u lmenta dwar il-kalkolu li ghamel l-intimat fir-rigward:

1. Tal-medja ta' kontribuzzjonijiet li hallas. Ir-rikorrent isostni li l-medja ta' kontribuzzjoni hi ta' 48.59.
2. Tad-dhul pensjonabbli. Ir-rikorrent spjega li fil-kaz tieghu d-Dipartiment kien qieghed isostni li fl-ahhar ghaxar snin kien hemm biss tmien snin li fihom hallas kontribuzzjonijiet. Ir-rikorrent isostni li l-kalkolu tad-dhul pensjonabbli kellu jsir fuq id-dhul ta' l-ahhar tmien snin u mhux fuq medda ta' ghaxar snin. Zied li skond il-prospett li pprezenta d-Dipartiment, id-dhul totali kien ta' €123,253.50 u ghalhekk l-medja ta' dhul pensjonabbli €15,406.69[1]. Inoltre, bla pregudizzju jekk il-kalkolu kellu jsir fuq ghaxar snin, il-medja tad-dhul pensjonabbli hi ta' €12,325.35 u mhux €11,963.67.

[1] €123,253.50/8.

L-intimat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2012 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu u li l-appell seta' jibqa' differit ghas-sentenza (fol. 21). Ghalkemm fis-27 ta' Jannar 2015 ir-rikorrent ipprezenta nota fejn iddikjara li jixtieq li t-trattazzjoni ssir mill-gdid, il-qorti tat lir-rikorrent il-fakolta li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet (fol. 29). Mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent ipprezenta nota.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. Ir-rikorrent twieled fil-5 ta' Gunju 1947 u kien jahdem ghal rasu. Ghalhekk hu ntitolat ghall-pensjoni taz-zewg terzi[2]. Ir-rikorrent irtira fil-5 ta' Gunju 2010.

2. Skond l-Artikolu 53(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), ir-rata shiha tal-Pensjoni taz-Zewg Terzi hi ta' zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tal-persuna assigurata li tkun hallset b'medja fis-sena ta' hamsin kontribuzzjoni tul perjodu ta' tletin sena jekk twieldet fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel. Madankollu l-istess provvediment jipprovdi li:

   *"(a) fil-kaz ta' persuna mwielda fil-31 ta' Dicembru 1961 jew qabel il-perjodu ta' snin li ghandu jitqies skont dan l-artikolu ghandu jinkludi l-ahhar ghaxar snin konsekuttivi li jintemmu fl-ahhar gurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni minnufih qabel ma tirtira".*

   *"(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, fil-każ ta' persuna mwielda fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel u b'seħħ mit-22 ta' Jannar 1979, fil-kalkolu tal-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena kif imsemmi fis-subartikolu (1), il-medja fis-sena tal- kontribuzzjonijiet li tkun relatata mal-aħħar għaxar snin konsekuttivi kif imsemmi fil-paragrafu (a) tal-proviso għall-imsemmi subartikolu (1) u l-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena li tkun relatata mas-snin minnufih qabel l-imsemmija l-aħħar għaxar snin konsekuttivi, għandhom ikunu kalkolati separatament, u l- medja ta' dawn iż-żewġ medji fis-sena tikkostitwixxi l-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena li skont dan l-Att hi meħtieġa għall-fini tal-għoti tal-Pensjoni ta' Żewġ Terzi".*

   Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent spjega:

   *"Fil-kaz odjern id-Dipartiment wasal ghall-konkluzjoni illi l-average ghandu jkun ta' 46.88 over 50.*

[2] Artikolu 52 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

*Ma' dan l-appell qieghed jigi anness spreadsheet li gie esebit mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fl-atti quddiem l-Arbitru. Minn dan l-ispreadsheet wiehed jinnota illi hemm dotted line bejn is-sena 1999 u s-sena 2000.*

*Illi fid-dawl tal-premess, l-esponent jikkontendi illi interpretazzjoni korretta tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija illi l-ewwel ghandu jigi stabbilit l-average ghas-snin 1963 sal-1999 li f'dan il-kaz id-Dipartiment ikkalkulah ghal 52.05 fis-sena. L-esponent qieghed jaqbel ma' din il-konkluzjoni.*

*Inoltre, id-Dipartiment qieghed jikkalkula illi ghas-snin 2000 sa 2009 kellu average ta' 41.70 contributions fis-sena.*

***Illi ghalhekk jekk wiehed jaqbad 52.05 x 20 u maghhom izid 41.70 x 10 igib total ta' 1457.60 fuq medda ta' tletin sena u ghalhekk igib average ta' 48.59 fis-sena u ghalhekk il-pensjoni ghandha tinhadem fuq 48.59 over 50 ta' zewg terzi (2/3) tad-dhul pensjonabbli u mhux ta' 46.88 kif kalkolat mid-Dipartiment****"* (enfazi tal-qorti).

Hu evidenti li r-rikorrent m'huwiex jikkontesta l-medja kalkolati mid-Dipartiment, cjoe' 52.05 u 41.7. Pero' l-kalkolu li ghamel ir-rikorrent ma jirriflettix dak li jipprovdi l-Artikolu 53(3) tal-Kap. 318. Kif tajjeb qal l-intimat, il-kakolu tal-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena hu:

Medja fis-sena tal-ahhar ghaxar snin qabel is-sena meta rtira….. 41.7
Medja fis-sena mas-snin ta' qabel……………………………………………52.05[3]
**Total = 93.75**.

Skond l-Artikolu 53(3): "*….. il-medja ta' dawn iz-zewg medji fis-sena tikkostitwixxi l-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena li skond dan l-Att hi mehtiega ghall-fini tal-ghoti tal-Pensjoni taz-Zewg Terzi"*. Ghalhekk il-medja taz-zewg medji fuq imsemmija, hi 93.7/2 – **46.88**. Ghaldaqstant l-intimat ghamel kalkolu tajjeb [4]. Ir-rikorrent spicca b'medja ta' kontribuzzjoni nqas minn 50 (Artikolu 51(3) tal-Kap. 12) proprju minhabba li fl-ahhar ghaxar snin kien hemm sentejn li fihom ma hallasx kontribuzzjoni. Dan wassal sabiex fl-ahhar ghaxar snin konsekuttivi li ntemmu fl-ahhar gurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni minnufih qabel ma rtira, il-medja ta' kontribuzzjoni kien biss ta' 41.7.

Madankollu ghalkemm irrizulta li r-rikorrent hallas medja ta' kontribuzzjoni inqas minn dik kontemplata fl-Artikolu 53(1) tal-Kap.

[3] Medja li m'hemmx kontestazzjoni dwarha u li ghalhekk din il-qorti m'hijiex ser tpoggi fid-dubju.
[4] Ara paragrafu 7 tat-twegiba tal-intimat ghall-appell tar-rikorrent (fol. 10).

318, xorta ghandu dritt ghall-pensjoni taz-zewg terzi pero mnaqqsa (ara Artikolu 55 tal-Kap. 318).

3. Fir-rigward tad-dhul pensjonabbli, dan ghandu jigi kalkolat skond it-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318. Paragrafu 3(a) jipprovdi li fil-kaz ta' persuna:-

   *"imwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel li għandha titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha,* ***il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħħar għaxar snin kalendarji****, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' għaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-każ".*

   Fil-fehma tal-qorti r-rikorrent m'ghandux ragun jargumenta li l-kakoli kellhom isiru fuq tmien snin gialadarba rrizulta li ma hallasx kontribuzzjonijiet f'perjodu ta' sentejn matul l-ahhar ghaxar snin qabel ma rtira. Il-ligi ma tirriflettix dak li qieghed jargumenta r-rikorrent. L-argument tal-appellant kien ikun floku li kieku sehhet xi wahda mic-cirkostanzi li jissemmew f'paragrafu 3(a) tal-istess Skeda, u cjoe' jekk matul dawk l-ahhar ghaxar snin il-persuna qabel tirtira kien hemm perjodu li ma kinitx tahdem ghal rasha jew saret invalida skond l-Att.

4. Ir-rikorrent zied li wkoll jekk id-dhul totali ta' €123,253.50, li hu l-ammont ta' dhul li kellu r-rikorrent skond il-prospett li hemm fl-atti tal-proceduri li saru quddiem l-Arbitru, *"..... jiddividih b'ghaxra, dan igib average pensionable income ta' €12,325.35 u mhux €11,963.67 kif ikkalkolat mid-Dipartiment"*[5]. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

   i. Skond il-prospett li hemm fl-atti, id-dhul tar-rikorrent matul il-perjodu 2002-2009 kien ta' €123,253.51.

   ii. Jekk wiehed kellu jillimita ruhu li jaghmel l-ezercizzju propost mir-rikorrent, ikun ifisser li qieghed jonqos milli japplika l-paragrafu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Socjali li jipprovdi:-

       *"Għall-finijiet ta' dan l-Att, fil-każ ta' persuna mwielda fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel, li tirtira fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara, il-paga bażika jew is-salarju bażiku jew* ***id-dħul nett*** *jew il-qligħ nett kif ikun il-każ, u d-dħul pensjonabbli li jirriżulta jew kull ammont li jiġi sostitwit għalih taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att* ***m'għandhomx ikunu iżjed minn €16,207.78*** *li magħhom tiżdied dik is-somma li l-Gvern jista' jagħti bħala żieda għall-għoli tal-ħajja, fir-rata tal-Paga Minima Nazzjonali li*

[5] Fol. 2 tar-rikors tal-appell.

*titħallas lil persuni li jkunu għalqu l-età ta' tmintax-il sena jew li jkunu ta' età akbar taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali,……..".*

Mill-prospett li pprezenta l-intimat waqt li l-proceduri kienu pendenti quddiem l-Arbitru, hu evidenti li kien hemm snin meta r-rikorrent kellu dhul iktar mid-dhul massimu li fuqu ghandu jigi kkalkolat id-dhul pensjonabbli[6]. Hekk per ezempju gara fis-snin 2007-2009. Id-dhul zejjed li jkun jaqbez id-dhul massimu li tiffissa l-ligi, m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni meta tikkalkola d-dhul pensjonabbli (*pensionable income*).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra r-rikorrent**.

Anthony Ellul.

[6] Ara prospett li pprezenta l-intimat mehmuz mat-twegiba datata 20 ta' April 2011.